

## IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ģeneralis tas-16 ta' April 2018 – Polski Koncern Naftowy Orlen vs EUIPO (Forma ta' pompa tal-petrol)**

(Kawża T-339/15 u T-343/15) <sup>(1)</sup>

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade marks tridimensjonali tal-Unjoni Ewropea — Forma ta' pompa tal-petrol — Raġuni assoluta għal rifjut — Karatru distintiv — Artikolu 65(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 72(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Atti li jsostnu b'mod sħiħ it-talbiet tar-rikorrenti — Deċiżjoni tar-rinviju tal-Bord tal-Appell — Natura vinkolanti tal-motivi tad-deċiżjoni tar-rinviju — Ammissibbiltà — Obbligu ta' motivazzjoni")

(2018/C 190/40)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### **Partijiet**

Rikorrenti: Polski Koncern Naftowy Orlen SA (Płock, il-Polonja) (rappreżentanti: M. Siciarek, J. Rasiewicz u M. Kaczmarska, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Folliard-Monguinal u E. Sliwinska, aġġenti)

### **Suġġett**

Humes rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Humes Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' April 2015 (Każijiet R 2245/2014-5, R 2247/2014-5, R 2248/2014-5, R 2249/2014-5 u R 2250/2014-5), dwar applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali li jikkonsistu fil-forma ta' pompa tal-petrol bħala trade marks tal-Unjoni Ewropea.

### **Dispożittiv**

- 1) Il-Kawża T-339/15 sa T-343/15 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.
- 2) Ir-rikorsi huma miċħuda bħala inammissibbli għall-prodotti u s-servizzi li ma humiex parti mill-firxa abitwali tal-pompi tal-petrol (il-fjuwil tal-avjazzjoni, il-kokk tal-pitrolju, ix-xileni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-fjuwil).
- 3) Id-Deċiżjonijiet tal-Humes Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-2 ta' April 2015 (Każijiet R 2245/2014-5, R 2247/2014-5, R 2248/2014-5, R 2249/2014-5 u R 2250/2014-5) huma annullati għall-prodotti u s-servizzi għajnej dawk li ma humiex parti mill-firxa abitwali tal-pompi tal-petrol (il-fjuwil tal-avjazzjoni, il-kokk tal-pitrolju, ix-xileni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-fjuwil) u li huma koperti mit-trade marks mitluba.
- 4) EUIPO hija kkundannata tbat l-ispejjeż tagħha u erba' minn ħamsa tal-ispejjeż ta' Polski Koncern Naftowy Orlen SA, u din tal-aħħar għandha tbat waħda minn ħamsa mill-ispejjeż propriji tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 279, 24.8.2015.